

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Ottubru 2012 — ZZ vs Il-Kunsill****(Kawża F-122/12)**

(2013/C 26/147)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent: ZZ (rappreżentant: J. Lecuyer, avukat)**Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea***Suġġett**

Annulament tad-deċiżjoni tal-Kunsill li tkeċċi lir-rikorrent u l-kumpens għad-dannu materjali u morali tiegħu.

**Talbiet tar-rikorrent**

- jannulla d-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill li jitkeċċa r-rikorrent u, sa fejn meħtieġ, l-annulament taċ-ċaħda tal-ilment tiegħu kontra din id-deċiżjoni;
- jikkundanna lill-Kunsill iħallas lir-rikorrent is-somma ta' EUR 160 181,85 b'mod provviżorju bħala kumpens għad-danni materjali tiegħu;
- jikkundanna lill-Kunsill iħallas lir-rikorrent is-somma ta' EUR 25 000 bħala kumpens għad-dannu morali tiegħu;
- jikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Ottubru 2012 — ZZ vs EMCDDA****(Kawża F-124/12)**

(2013/C 26/148)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: D. Abreu Caldas, S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u E. Marchal, avukati)**Konvenuta: Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga***Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

Annulament tad-deċiżjoni li l-kuntratt tar-rikorrent bħala membru tal-persunal temporanju ma jiġġeddidx.

**Talbiet tar-rikorrent**

- jannulla d-deċiżjoni tal-AHCC li ma jiġġeddidx il-kuntratt tar-rikorrent bħala membru tal-persunal temporanju, skont l-Artikolu 2(a) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-impjegati l-oħra tal-Unjoni;
- sa fejn huwa meħtieġ, jannulla r-risposta ta' ċaħda għall-ilment tiegħu dwar it-tiġdid tal-kuntratt tiegħu;
- jikkundanna lill-EMCDDA għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fit-3 ta' Novembru 2012 — ZZ vs UASI****(Kawża F-125/12)**

(2013/C 26/149)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet***Rikorrent: ZZ (rappreżentant: H. Tettenborn, avukat)**Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI)***Suġġett**

Talba għall-annulament tar-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent għas-sena 2011 kif ukoll tad-deċiżjoni li tistabbilixxi l-obbjettivi li għandhom jintlaħqu u talba għad-danni

**Talbiet tar-rikorrent**

- jannulla r-rapport ta' evalwazzjoni (Appraisal Report) tar-rikorrent għas-sena 2011, fil-verżjoni tiegħu tal-1 ta' Frar 2012, kif ukoll l-ittri elettroniċi tal-konvenut tat-2 ta' Frar 2012, bil-ħinijiet ta' 14:51 u 15:49, sa fejn jistabbilixxu l-obbjettivi li skont l-UASI għandhom jintlaħqu mir-rikorrent għall-perijodu bejn l-1 ta' Ottubru 2011 u t-30 ta' Settembru 2012;
- jikkundanna lill-UASI jħallas kumpens għad-danni lir-rikorrent, fammont adegwat stabbilit mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, fir-rigward tad-danni morali u materjali mġarrba minnu;
- jikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż tal-kawża.